MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 517/2005

**Margaret u Emanuel konjugi Mifsud**
**vs**
**Joseph Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-27 ta’ Mejju, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi f'incident li sehh fit-18 ta' Lulju 2002, waqt li l-attrici kienet qeghda taghmel ix-xirja fil-fond ossia supermarket maghruf bl-isem Greenwich Supermarket f’Labour Avenue, Naxxar, l-attrici sofriet danni fuq il-persuna taghha meta waqghu xi oggetti u merkanzija fuq ras l-istess attrici, u per konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet debilita' permanenti li giet stabbilita mill-espert mediku Mr Alec Sultana; u

Illi l-konvenut huwa l-proprjetarju tal-fond fejn sehh l-incident, u huwa
responsabbli ghall-gestjoni u t-tmexxija tan-negozju li jsir minn dan ii-fond; u

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli il-konvenut, minhabba li naqas li jiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni; u

IIli ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-18 ta' Lulju 2002 fil-fond ossia supermarket bl-isem Greenwich Supermarket, Labour Avenue, Naxxar, f'liema incident l-attrici sofriet danni fuq il-persuna taghha;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Dicembru 2003, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta' xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Preliminarjament l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16;

2. Fil-mertu mhux minnu Ii l-eccipjent naqas milli josserva in-normi tad-diligenza, u ghalhekk mhux responsabbli lejn l-attrici;
3. Fi kwalunkwe kaz huwa kkontestat Ii l-attrici soffriet ingurji Ii jwasslu ghad-danni pretezi bhala konsegwenza tal-incident;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-konvenut inghata kull opportunita illi jressaq il-provi tieghu, huwa naqas milli jaghmel dan u lanqas ma ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-18 ta' Lulju, 2002 l-attrici kienet marret tixtri mis-supermarket Greenwich f'21st September Avenue Naxxar, kienet qeghda baxxuta sabiex iggib flixkun minn ma l-art u f'daqqa wahda bdew nezlin flixken tal-hasil kbar ghal fuqha u hija intradmet bil-flixken. L-attrici xehdet illi hija stordiet u lanqas bdiet tara. Umbaghad harget bil-mod u qalet lin-nies li kienet sejra ghand it-tabib. Effettivament kien hemm ragel li wassalha ghand certu Dr Gatt li irreferiha ghand il-Professur Massimo Abela. L-attrici kompliet tixhed illi sussegwentement marret ukoll ghand il-Professur Alex Sultana Hal-Qormi. L-attrici xehdet illi qabel l-incident kienet b'sahhitha u kienet tahdem id-dar, kif ukoll fir-raba u wara l-incident sahhitha marret lura b'ritmu mghaggel. Hija qalet illi hija ghadha mugugha f'idejja ix-xellugija kif ukoll f'irkoppitha u f'daharha. L-attrici xehdet illi meta gara l-incident hija kellha sitta u hamsin sena. Illum il-gurnata tiehu pilloli tal-ugigh u misturi u hadet injections tal-ugigh f'irkoppitha. Hija esebiet f'dan is-sens certifikati tal-

Professur Alex Sultana u ta' Massimo Abela. Ix-xhud qalet illi minn dakinhar sal-lum hija baqghet ghaddejja bil-kura medika u battiet hafna mix-xoghol li kienet taghmel qabel ma gara l-incident.

Illi xehdet ukoll Helen Camilleri u qalet illi saret taf lill-attrici ghaliex kienet fit-triq taghha dakinhar ta' l-incident illi kellha bzonn l-ghajnuna. Is-Sinjura Camilleri xehdet illi rat lill-attrici tibki u mugugha u hija staqsitha x'kien gara u l-attrici qaltilha li kienet marret tixtri is-supermarket, waqghu xi flixken fuq rasha u fuq daharha u ghalhekk irrikorriet ghand it-Tabib Gatt illi dak il-hin ma kienx hemm hekk. Ghalhekk ix-xhud sejjhet lir-ragel taghha u ghamlu is-silg lill-attrici u minn dakinhar ma rathiex aktar.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-Konsulent Mr Alex Sultana permezz ta' affidavit fejn ikkonferma illi l-attrici kienet involuta f'incident li sehh fit-18 ta' Lulju 2002 fin-Naxxar u wara dan l-incident huwa raha f'diversi okkazzjonijiet u hargilha certifikat fid-19 ta' Mejju 2003 fejn wasal ghall-konkluzjoni li minhabba u per konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni l-attrici issofri minn dizabilita permanenti ta' bejn sebgha (7%) u ghaxra fil-mija (10%). Il-Konsulent Sultana kompla jixhed illi sabiex jaccerta ruhu dwar dak li ikkonstata fl-2003 huwa rega ezamina lill-attrici fis-6 ta' Novembru 2007 fil-klinika tieghu in-Naxxar u ghalhekk jerga ikkonferma is-segwenti :
"In view of the latest findings, she still has a permanent disability amounting from 7 to 10%".

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici esebiet vera kopja fotografika ta' ittra ufficjali illi baghatet lill-konvenut fis-16 ta' Dicembru, 2003 fejn b'referenza ghall-incident in kwistjoni interpellatu sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta' danni sofferti minnha f'damnum emergens u lucrum cessans. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut gie notifikat b'din l-ittra ufficjali fid-19 ta' Dicembru 2003.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Illi l-incident in kwistjoni gara fit-18 ta' Lulju 2002 u stante li l-attrici ipprezentat kopja legali tal-ittra ufficjali li permezz taghha interrompiet il-preskrizzjoni kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat il-preskrizzjoni kienet taghlaq ghalhekk fis-16 ta' Dicembru 2005, izda l-attrici ipprezentat ic-citazzjoni taghha fis-27 ta' Mejju 2005.

Illi jirrizulta li l-kawza saret fi zmien sentejn kif stabbilit fl-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi fir-rigward tat-tieni u it-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut il-Qorti rat illi il-konvenut ma ressaq l-ebda prova kif diga intqal u ghalhekk il-Qorti sejra tirrispingi wkoll it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-talbiet attrici il-Qorti tosserva illi l-attrici kienet skjetta ferm fil-provi minnha prodotti li kienu jikkonsistu mhux biss fix-xhieda taghha, izda anke fl-affidavit tal-Konsulent Alex Sultana u c-certifikat rilaxxat minnu u ipproduciet ukoll ic-certifikat mediku ta' Dr Massimo Abela. Inoltre telghet tixhed ukoll Helen Camilleri, illi ratha dakinhar illi sehh l-incident. L-attrici esebiet ukoll ircevuti u ricetti medici.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel talba attrici, l-attrici xehdet dwar kif gara l-incident u ipproduciet id-dokumenti imsemmija illi l-aktar rilevanti minnhom huwa l-affidavit ta' Mr Alex Sultana illi jghid illi d-disabbilita kawzata mill-incident de quo u li minnu qeghda issofri l-attrici hija ta' bejn 7% u 10%.

Illi dwar ir-responsabbilita tal-konvenut, min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias' abbinat ma' xi ksur ta' xi dmir impost mill-ligi ikun in kolpa. (vide vol. Xliv.p.1.p.343; u l-Appell Civili deciz fit-8 ta'

April, 1991 fl-ismijiet Paul Camilleri noe vs Michael Grech.)

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni talba attrici, sabiex ikun hemm lok ghad-danni jehtieg li wiehed setgha jipprevedi id-disgrazzja li ikkagunat id-danni. Din il-prevedibilita trid tkun ta' probbabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inversomili. Illi f'dan is-sens il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Publio Azzopardi vs Antonio Arcivovich et deciza 14 ta' Novembru 1919 (Vol. XXIV p.1.p.172) fejn il-Qorti qalet hekk:

“Quando si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza percui non si prevedono la consequenza della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito ma la colpa ed il quasi delitto.”

Illi konsegwentement meta mill-iskrutinju probatorju tigi stabbilita l-htija, d-danneggjant ghandu jirrispondi ghall-eventwali danni kawzati minn nuqqas ta' prudenza. (Vide sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Guzepppi Agius et vs Tarcisio Fenech).

Illi mill-provi prodotti irrizulta li l-flixken waqghu fuq l-attrici meta hija tbaxxiet biex iggib xi haga mill-art fis-supermarket. L-attrici ma tat l-ebda dettal dwar x'kienet dik il-haga illi hija tbaxxiet sabiex tigbor u mhuwiex car jekk l-oggetti waqghux fuqha kif hija gibdet xi oggett minn tahthom jew inkella meta tbaxxiet mal-art sabiex iggib xi haga. Izda minkejja il-fatt illi l-attrici ma kienitx cara dwar dan il-punt, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova f'din il-kawza. Kull ma ghamel kien illi ipprezenta in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk il-Qorti, fuq bazi ta' probabbilita, temmen il-verzjoni ta' l-attrici meta tghid illi l-oggetti waqghu fuqha kif hija tbaxxiet fl-art.

Illi per konsegwenza il-Qorti issib lill-konvenut responsabbli ghall-incident illi sehh fit-18 ta' Lulju 2002.

Illi dwar it-tieni talba attrici ma gie nominat l-ebda perit u ghalhekk il-Qorti ser ikollha toqghod fuq il-provi prodotti illi huma x-xhieda tal-attrici stess fis-sens illi kellha sitta u hamsin sena meta gara l-incident in kwistjoni u c-certifikat mahrug mill-Konsulent Alec Sultana  fis-sens illi l-attrici ghandha dizabilita ta' bejn 7 sa 10%.

Illi sfortunatament ma saret l-ebda talba mill-partijiet sabiex jinhatar perit mediku sabiex jistabbilixxi id-dizabilta tal-attrici u ghalhekk il-Qorti sejra tibbaza l-likwidazzjoni tad-danni fuq il-massimu ta' 10% dizabilita, tenut kont ta' l-eta illi l-attrici kellha meta sehh l-incident in kwistjoni u il-fatt illi l-attrici ghadha tbaghti il-konsegwenzi sal-lum.

Ikkunsidrat :

Illi fuq dak illi jirrigwarda il-Lucrum cessans il-Qrati taghna strahu fuq is-sentenza Turner vs Agius deciza fit-28 ta' Jannar 2003; liema sentenza adottat multiplier ta' tletin sena f'kaz ta' zaghzugh illi kellu sbatax il-sena meta sehh l-incident, waqt li fil-kawza Scicluna vs Meilaq deciza fis-7 ta' Ottubru 2005 il-Qorti adottat multiplier ta' 15-il sena ghal persuna li kellha 42 sena meta sehh l-incident.

Illi peress illi l-attrici hija mara tad-dar, l-paga li qeghda tittiehed hija il-paga minima ta' hamsin lira Maltin (LM50) fil-gimgha illi jigu mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin euro centezmu (€116.47).

Illi fuq il-bazi tas-sentenza Grech vs Briffa deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 1998, il-hajja lavorattiva tal-attrici qeghda tigi ikkalkulata sa 63 sena, u b'zieda ma dan il-Qorti sejra tikkonsidra l-gholi tal-hajja ghal dan il-perjodu.

Illi ghalhekk bhala lucrum cessans l-attrici ghandha tithallas kif gej minghand il-konvenut:

Sitt elef u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin euro centezmu €6056.37 : €116.47 X 52 X 10 X 10% (stante li ma jidhirx li ghandu jkun hemm riduzzjoni ta' 20 % ghal lump sum payment.

Illi bhala damnum emergens l-attrici ipprezentat mazz ta' dokumenti illi gew immarkati MM2 li jikkonsistu f'ircevuti fiskali dwar medicini u ricetti ta' tobba u ma spjegat xejn dwar dawn l-ircevuti kollha u naqset milli tipprova illi dawn l-ircevuti huma konnessi mal-incident de quo u ghalhekk il-Qorti ma hiex ser tiehu konjizzjoni ta' dawn l-ircevuti fiskali imsemmija.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej, billi filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fit-18 ta' Lulju 2002 fis-supermarket bl-isem Greenwich Supermarket, Labour Avenue, Naxxar, billi tilqa it-tieni talba attrici u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-imsemmi incident fis-somma ta' sitt elef u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin euro centezmu (€6,056.37) u billi tilqa wkoll it-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma imsemmija ta' sitt elef u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin euro centezmi (€6,056.37);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------